# Beltna

minn Madeline Micallef

Wara t-teżina dwar djalettek
poeżija kien imiss niktiblek,
għalhekk ħarbixtlek erba' versi
li jittrattaw lil din beltek.

Fil-qalb  ta' raħlek, imnaqqax żmienek.
Immarkati t-toroq bid-djuq u t-tisripa
bħal ħabibtek il-belt tal-Imdina,
lejn fejn qed iħares San Girgor
tal-parroċċa l-qadima.

Matul iż-żmien raħlek ipproduċa
il-bnin żejt taż-żebbuġa.
Għal dan l-isforz il-Granmastru Hompesch
lil ismek għażel li jżejjen
bit-titlu ta' belt għal dejjem.

Beltek maqsuma f'żewġt irħula

Ħal Bisbut u Bisqallin,

imbagħad f'nhar il-festa

flimkien jingħaqdu biex jiċċelebraw

l-għażiża festa ta' Katarin.

Bir-riħa ta' qagħaq ta' Barbetta

toħroġ minn dak fommok

ta' kull filgħodu

jew bir-riħa ta' pastizzi ta' Roger

li jarma kuljum fil-pjazzetta.

Din il-belt bir-rikkezzi saħritni

palazzi u djar kbar

f'daqsxejn ta' raħal

fin-nofsinhar ta' gżirietna,

f'nofs il-baħar tal-Mediterran.